# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Citaz. Nru 2305/96DS**

Joseph Muscat

vs

Georgina Saydon, Catherine Saydon, Joan Mary mart Saviour Darmanin u l-istess Saviour Darmanin bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu Joan Mary

Illum, 30 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Lulju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 441/96 FS kontra l-attur fl-ismijiet *Mudesta Borg vs Joseph Muscat.*

Illi Mudesta Borg illum hija mejta kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi konsegwentement il-mandat fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

talab li din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-mandat ta' zgumbrament numru 441/96 SF fl-ismijiet fl-ismijiet *Mudesta Borg et vs Joseph Muscat.*

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi preliminarjament il-proceduri odjerni bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien perentorju stipulat fl-artikolu 963 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, izda ukoll in linea preliminari, in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju stante l-mewt ta' Mudesta Borg u Mary Josephine Saydon;

3. Illi, subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talba attrici hija infondata, frivola w vessatorja w ghaldaqstant ghandha tigi michuda stante li l-mandat ta' zgumbrament li jgib in-numru 441/96 SF inhareg skond il-ligi w ghaldaqstant huwa validu;

4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jigi osservat l-ewwelnett li fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2001 Dr. Mizzi ghall-konvenuti rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari u ghalhekk il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni fejn giet eccepita n-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju stante l-mewt ta’ Mudesta Borg u Mary Josephine Saydon, jirrizulta li c-citazzjoni giet intavolata wkoll kontra dawn iz-zewg persuni. Fis-seduta msemmija tal-31 ta’ Ottubru 2001 pero` Dr. Jose Herrera ghall-attur talab korrezzjoni billi jigi kancellat isem dawn iz-zewg konvenuti fic-citazzjoni u kull fejn jirrikorru dawn l-ismijet. It-talba ma gietx opposta u l-Qorti ghaddiet biex tilqa’ t-talba ghal din il-korrezzjoni. In vista ta’ dan Dr. Mizzi rtira wkoll it-tieni eccezzjoni.

Id-difensuri tal-partijiet imbaghad ghaddew biex jaghmlu s-segwenti verbal:

> "L-avukati rispettivi qablu wkoll fuq il-fatti kif esposti fid-dikjarazzjoni guramentata.
>
> L-avukati rispettivi qablu wkoll li l-punt legali li kellu jigi deciz hu jekk kellux jinhareg il-mandat ta' zgumbrament f'isem Mudesta Borg, mejta. Dr. Mizzi jsostni li isem Mudesta Borg kien wiehed mill-ismijiet flimkien mal-ismijiet tal-eredi taghha."

Stabbilit mela li meta nhareg il-mandat numru 441/96 fl-ismijiet "Mudesta Borg et vs Joseph Muscat", l-imsemmija Mudesta Borg kienet mejta, is-soluzzjoni ta' din il-vertenza tinsab fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 259 tal-Kap 12 li jipprovdi testwalment:

> *"L-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur, lill-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jigi esegwit kull titolu ezekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada z-zmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors ghandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi:*
>
> *(a) ir-rikorrenti huma l-unici eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur;*

*(b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u*

*(c) il-persuni li tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu".*

Il-perijodu msemmi fl-artikolu 258 huwa l-perijodu ta' hames snin ghall-ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 253.

Jigifieri l-ligi stess qed tipprovdi l-procedura li tista' tigi adottata sabiex tkun tista' ssir l-ezekuzzjoni ta' kreditu anke wara l-mewt tal-kreditur stess.

Fil-kaz in ezami gara li meta gie ntavolat il-mandat ta' zgumbrament numru 441/96, Mudesta Borg kienet diga` mejta. Issa t-talba ghall-hrug ta' mandat ghandha ssir b'rikors (art. 275(1) tal-Kap 12) fuq talba tal-esekutant (art. 274(1) tal-Kap 12). Jekk l-esekutant, ossia f'dan il-kaz wahda mill-esekutanti, kienet mejta, kif setghet titlob l-esekuzzjoni tal-mandat? Kull skrittura ghandu jkun fiha, *inter alia*, l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijijet (art. 174(1)(b) tal-Kap 12). Il-mandat in kwistjoni nkluda fost ir-rikorrenti l-isem ta' persuna mejta, li ma tistax "tidher" f'gudizzju. Il-persuna jew persuni li kellom jidhru kellhom ikunu semmai l-werrieta taghha u dan biss wara li tigi segwita l-procedura fuq indikata fl-artikolu 259(4) tal-Kap 12. Huwa veru li mill-kopja tal-mandat esebit mill-attur permezz ta' nota tas-7 ta' Marzu 2002 jirrizulta li

fl-okkju hemm miktub testwalment *"u b'digriet tat-12 ta' Lulju 1995 stante l-mewt ta' Mudesta Borg, l-atti gew trasfuzi fil-persuni l-ohra fuq imsemmija"*, u ghalhekk jidher li l-okkju jirriproduci l-okkju tas-sentenza moghtija fid-19 ta' Lulju 1995. Izda mbaghad gie ndikat li huwa *"Rikors ta'* Mudesta Borg et*"* meta Mudesta Borg kienet mejta.

Ghalhekk dan ghandu jitqies bhala nuqqas sostanzjali li jeffettwa l-elementi intrinsici ta' l-att gudizzjarju in kwistjoni. Tali att ghandu konsegwentement jigi kkunsidrat bhala null u bla ebda effett.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u ghalhekk tiddikjara bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-mandat ta' zgumbrament numru 441/96 fl-ismijiet *Mudesta Borg et vs Joseph Muscat*. Bl-ispejjez li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**